



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

Diskors

Il-Lussemburgu, it-8 ta' Novembru 2016

Diskors minn Klaus-Heiner Lehne, President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2015 tal-QEA

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)

Brussell, it-8 ta' Novembru 2016

Id-diskors proprju jitqies bħala awtentiku.

Il-verżjoni mitkellma għandha tiegħu preċedenza.

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditorsECA eca.europa.eu

T: (+352) 4398 47063

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 691 55 30 63

M: (+352) 621 55 22 24

President,

Ministri,

Bi pjaċir kbir nippreżentalkom illum ix-xogħol tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Din hija l-ewwel laqgħa tal-ECOFIN li qed nattendi għaliha minn meta ġejt elett President tal-Qorti, u nixtieq nieħu l-opportunità li nħares 'il quddiem kif ukoll lura – biex inqis kif jenħtieġ li tevolvi l-governanza finanzjarja tal-UE fis-snin li ġejjin, kif ukoll biex inqis il-passat immedjat.

Jien nemmen li aħna – l-istituzzjonijiet Ewropej – tlifna, sa ċertu punt, il-fiduċja taċ-ċittadini tagħna. Huma flushom li aħna lkoll qed nonfqu, u waħda mill-isfidi prinċipali għall-UE se tkun li terġa tikseb il-fiduċja tagħhom. Huwa ċar li tenħtieġ riforma, u li din trid tkun mibnija fuq sisien finanzjarji sodi. Għalija, dan ifisser erba' affarijiet: l-UE trid iżżomm kontijiet tajbin; trid tiżgura li r-regoli finanzjarji tagħha jiġu applikati b'mod korrett; trid twassal valur għall-flus; u trid ttipprovdi trasparenza u aċċertament.

In-nies lanqas biss tista' tibda tafdana jekk ma temminx li aħna qed nieħdu ħsieb flusha b'mod xieraq, u li nistgħu nżommu kont ċar ta' kif qed nagħmlu dan.

Fir-Rapport Annwali tagħna għall-2015, aħna nikkonkludu li l-kontijiet tal-UE jippreżentaw stampa vera u ġusta. Iżda jista' jsir aktar. Pereżempju, il-Kummissjoni ma pproduċietx previżjoni tal-flussi tal-flus li tkopri s-7 sa 10 snin li ġejjin. Previżjoni bħal din tkun tikkontribwixxi biex terġa' tinbena l-fiduċja. Il-previżjoni tal-pagamenti fuq terminu medju li saret mill-Kummissjoni hija madankollu pass fid-direzzjoni t-tajba.

It-tieni nett, l-UE trid tiżgura li r-regoli finanzjarji tagħha jiġu applikati b'mod korrett.

Il-flus li deħlin u ħerġin mill-baġit attwali tal-UE jiġu rreġistrati b'mod preċiż, iżda għad hemm wisq żbalji fejn jintnefqu. Fir-Rapport Annwali tagħna, il-livell ta' żball stmat huwa ta' 3.8 % li, b'mod ġenerali huwa simili għal snin reċenti, iżda għadu ogħla minn kemm aħna nixtiequ li jkun. Fil-biċċa l-kbira, l-iżbalji jseħħu fl-Istati Membri. Pereżempju, fir-rapport speċjali tagħna ta' din is-sena dwar l-għajnuna mill-Istat fl-infiq għall-koeżjoni, aħna sibna li r-rata li biha l-Istati Membri qed jaqdbu l-każijiet ta' ksur hija ħames darbiet inqas minn dik tal-kontrolli proprji tagħna u dawk tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni ħadet passi biex ittejjeb il-valutazzjoni tagħha tar-riskju u l-impatt tal-azzjonijiet korrettivi tagħha. Iżda, għal darb'oħra, hemm lok għal titjib. Ikun ħafna aħjar għall-kontribwent Ewropew li kieku, l-ewwel u qabel kollox, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jonfqu aktar mill-flus b'mod xieraq.

Fir-rapport speċjali tagħna dwar it-trasport marittimu fl-UE, aħna sibna ħafna investiment fil-portijiet marittimi li la huwa effettiv u lanqas sostenibbli. Aħna identifikajna riskju għoli li jinħlew madwar EUR 400 miljun. Il-konnessjonijiet bit-triq u dawk ferrovjarji maż-żoni interni tal-portijiet spiss instabu li kienu neqsin jew inadegwati, li jfisser li se jkun meħtieġ finanzjament pubbliku ulterjuri biex l-investimenti inizjali jaħdmu. Ir-rakkomandazzjonijiet li jsiru fir-rapporti tagħna huma maħsuba biex itejbu investimenti bħal dawn fil-futur. Dan it-titjib għandu jassigura liċ-ċittadini tagħna.

Hemm ukoll lok biex l-iżbalji jitnaqqsu billi jittejjeb it-tfassil tal-iskemi ta' nfiq. Dan huwa partikolarment minnu fis-settur agrikolu, kif ġie nnutat f'ħafna mir-rapporti speċjali tagħna. In-nies ma tistax tafda sistema li ma tifhimx. Dan iwassalni għat-tielet element li semmejt – governanza finanzjarja tajba.

Liċ-ċittadini tagħna jixtiequ u jeħtieġu jaraw lill-UE tiggarrantixxi valur għall-flus. Għaliex anke jekk jiġi żgurat li l-flus kollha jiġu kontabilizzati, u r-regoli kollha jiġu segwiti, dan ma jiggarrantix li l-proġetti ffinanzjati mill-UE jwasslu valur għall-flus. U liċ-ċittadini jeħtieġu jħossu li qed jakkwistaw aktar għal flushom.

Jekk in-nies ma tkunx tista' tgħid jekk is-sistema hijiex qed taħdem tajjeb għalihom, aħna ma nistgħux nistennewhom jafdawha.

Fl-aħħar nett, il-fiduċja tirrikjedi t-trasparenza u l-aċċertament. Jeħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament u lill-pubbliku ġenerali dwar il-ħwejjeġ li verament jgħoddu, u jeħtieġ li dak li jiġi rrapportat jiġi ċċekkjat b'mod xieraq u awditjat b'mod indipendenti.

Madankollu, l-użu dejjem akbar ta' strumenti finanzjarji, li la huma ffinanzjati direttament mill-baġit tal-UE u lanqas ma huma awditjati minna, jippreżenta riskji aktar għoljin għat-trasparenza, għall-obbligu ta' rendikont u għall-koordinazzjoni tal-politiki u l-operazzjonijiet tal-UE. Fir-rapport speċjali tagħna dwar l-istrumenti finanzjarji, li llum qed tadottaw il-konklużjonijiet tagħkom dwaru, aħna sibna li dawn l-istrumenti mhux dejjem iffunzjonaw b'mod effettiv daqs kemm għandu jkun. Hemm implikazzjonijiet ċari għall-FEIS – il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi. Dan huwa suġġett li se nirritornaw għalih dalwaqt: l-Opinjoni tagħna dwar l-estensjoni tad-durata tal-FEIS u dwar it-tisħiħ tekniku tiegħu se tiġi ppubblikata qabel tmiem dan ix-xahar. Is-sena d-dieħla, se nipubblikaw rapporti speċjali dwar garanziji għan-negozji ż-żgħar u dwar sħubiji pubbliċi-privati mmaniġġjati taħt il-FEIS.

Dwar il-kwistjoni tal-aċċertament, l-awditi tagħna ma jipprovdux biss aċċertament indipendenti, iżda jinkludu wkoll rakkomandazzjonijiet dwar it-titjib tal-governanza finanzjarja tal-UE. Hemm livell għoli ta' aċċettazzjoni u implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħna min-naħa tal-Kummissjoni.

Iżda minkejja livell kumplessivament raġonevoli ta' għarfien dwar ir-rakkomandazzjonijiet li aħna nagħmlu fl-Istati Membri, hemm varjazzjoni konsiderevoli fil-livell ta' segwitu formali. B'riżultat ta' dan, aħna naraw biss evidenza moderata ta' bidliet fil-politika u fil-prattika nazzjonali.

Nixtiequ naħdmu aktar mill-qrib magħkom biex intejbu din is-sitwazzjoni. Jeħtieġ li l-governanza finanzjarja tal-UE tittejjeb. Biex noħolqu sistema finanzjarja tal-UE li tkun xierqa biex terġa' tikseb il-fiduċja taċ-ċittadini tagħna, jeħtieġ li l-UE twettaq ir-riformi t-tajbin u twettaqhom mill-iktar fis possibbli. Dan jeħtieġ li jseħħ mhux biss hawn fi Brussell iżda fl-Unjoni kollha kemm hi.

Grazzi ħafna, u issa nista' nwieġeb il-mistoqsijiet tagħkom.